



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Novembru 2022
(OR. en)

13703/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0306 (NLE)

ACP 114
FIN 1093
PTOM 21

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond, li tispjefika l-limitu massimu għall-2024, l-ammont annwali għall-2023, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2023 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2025 u 2026
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet
għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond,
li tispeċifika l-limitu massimu għall-2024, l-ammont annwali għall-2023,
l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2023 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti
għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2025 u 2026**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajjnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323², u b'mod partikolari l-Artikolu 19(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.

² ĠU L 307, 3.12.2018, p.1

Billi:

- (1) F'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 19 sa 22, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(2), tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ottubru 2022 li tispjefika l-limitu massimu għall-ammont tal-kontribuzzjonijiet li jridu jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għall-2024, l-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet għall-2023, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali tal-kontribuzzjonijiet għall-2023 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija tal-kontribuzzjonijiet għas-snin 2025 u 2026.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti fl-ambitu tal-istrumenti ġestiti minnu.
- (3) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2018/1877, is-sejħiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jeżawrixxu l-ammonti previsti fil-FEŻs preċedenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi skont ir-Regolament (UE) 2018/1877 għall-Kummissjoni u għall-BEI.

- (4) Skont l-Artikolu 152 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika¹ ("il-ftehim dwar il-ħruġ"), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") għandu jibqa' parti għall-FEŻ sal-għeluq tal-11-il FEŻ u għal kull FEŻ preċedenti mhux magħluq. Madankollu, skont l-Artikolu 153 tal-ftehim dwar il-ħruġ, is-sehem tar-Renju Unit f'fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-11-il FEŻ, meta dawn il-fondi jkunu ġew diżimpenjati wara l-31 ta' Diċembru 2020, jew FEŻs preċedenti, ma għandhomx jerġgħu jintużaw.
- (5) Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1941² tistabbilixxi l-limitu massimu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-FEŻ għall-2023 għal EUR 1 800 000 000 għall-Kummissjoni u għal EUR 300 000 000 għall-BEI.
- (6) Sabiex il-miżuri stipulati fiha jkunu jistgħu jiġu applikati minnufih, din id-Deċizzjoni jenħteġ li tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIZZJONI:

¹ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

² Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1941 tad-9 ta' Novembru 2021 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-Fond, li jinkludi l-limitu massimu għall-2023, l-ammont annwali għall-2022, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2022 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2024 u 2025 (ĠU L 396, 10.11.2021, p. 61).

Artikolu 1

Il-limitu massimu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għall-2024 huwa b'dan stabbilit għal EUR 1 600 000 000. Dan għandu jinqasam f'EUR 1 300 000 000 għall-Kummissjoni u EUR 300 000 000 għall-Bank Ewropew tal-Investment (BEI).

Artikolu 2

L-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet li għandu jitħallas mill-partijiet għall-FEŻ għall-2023 huwa b'dan stabbilit għal EUR 2 100 000 000. Dan għandu jinqasam f'EUR 1 800 000 000 għall-Kummissjoni u EUR 300 000 000 għall-BEI.

Artikolu 3

Il-kontribuzzjonijiet individwali għall-FEŻ għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-FEŻ lill-Kummissjoni u lill-BEI bħala l-ewwel pagament parzjali għall-2023, f'konformità mal-Anness.

Artikolu 4

L-ammont ta' EUR 42 500 000 minn fondi mhux impenjati jew diżimpenjati mill-proġetti fl-ambitu tad-Disa' FEŻ għandu jiġi rimborżat permezz ta' tnaqqis fil-pagament tal-ewwel pagament parzjali għall-2023 stipulat fl-Artikolu 3.

Artikolu 5

Il-previżjoni indikattiva mhux vinkolanti għall-ammont annwali mistenni ta' kontribuzzjonijiet għall-2025 hija b'dan stabbilita għal EUR 900 000 000 għall-Kummissjoni u EUR 9 000 000 għall-BEI u dik għall-2026 hija b'dan stabbilita għal EUR 600 000 000 għall-Kummissjoni u EUR 0 għall-BEI.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

L-ewwel pagament parzjali għall-2023 (EUR) li għandu jitħallas lill-Kummissjoni u lill-BEI

L-ISTATI MEMBRI U R-RENU UNIT	Il-koeffiċjent tad-9a' FEŻ (%)	Il-koeffiċjent tal-11-il FEŻ (%)	Il-Kummissjoni			IL-BEI	Il-Kummissjoni + il-BEI
			Il-11-il FEŻ	Rimborż mid- 9a' FEŻ	Il-11-il FEŻ bit- tnaqqis tar- rimborż tad-9a' FEŻ	Il-11-il FEŻ	Ammont totali għall-lel pagament parzjali għall- 2023
IL-BELĠJU	3,92	3,24927	24 369 525	1 666 000	22 703 525	3 249 270	25 952 795
IL-BULGARIJA		0,21853	1 638 975	0	1 638 975	218 530	1 857 505
IĊ-ĊEKJA		0,79745	5 980 875	0	5 980 875	797 450	6 778 325
ID-DANIMARKA	2,14	1,98045	14 853 375	909 500	13 943 875	1 980 450	15 924 325
IL-ĠERMANJA	23,36	20,57980	154 348 500	9 928 000	144 420 500	20 579 800	165 000 300
L-ESTONJA		0,08635	647 625	0	647 625	86 350	733 975
L-IRLANDA	0,62	0,94006	7 050 450	263 500	6 786 950	940 060	7 727 010
IL-GREĊJA	1,25	1,50735	11 305 125	531 250	10 773 875	1 507 350	12 281 225
SPANJA	5,84	7,93248	59 493 600	2 482 000	57 011 600	7 932 480	64 944 080
FRANZA	24,30	17,81269	133 595 175	10 327 500	123 267 675	17 812 690	141 080 365
IL-KROAZJA		0,22518	1 688 850	0	1 688 850	225 180	1 914 030
L-ITALJA	12,54	12,53009	93 975 675	5 329 500	88 646 175	12 530 090	101 176 265
ĊIPRU		0,11162	837 150	0	837 150	111 620	948 770
IL-LATVJA		0,11612	870 900	0	870 900	116 120	987 020
IL-LITWANJA		0,18077	1 355 775	0	1 355 775	180 770	1 536 545
IL-LUSSEMBURGU	0,29	0,25509	1 913 175	123 250	1 789 925	255 090	2 045 015
L-UNGERIJA		0,61456	4 609 200	0	4 609 200	614 560	5 223 760
MALTA		0,03801	285 075	0	285 075	38 010	323 085
IN-NETHERLANDS	5,22	4,77678	35 825 850	2 218 500	33 607 350	4 776 780	38 384 130
L-AWSTRIJA	2,65	2,39757	17 981 775	1 126 250	16 855 525	2 397 570	19 253 095
IL-POLONJA		2,00734	15 055 050	0	15 055 050	2 007 340	17 062 390
IL-PORTUGALL	0,97	1,19679	8 975 925	412 250	8 563 675	1 196 790	9 760 465
IR-RUMANIJA		0,71815	5 386 125	0	5 386 125	718 150	6 104 275
IS-SLOVENJA		0,22452	1 683 900	0	1 683 900	224 520	1 908 420
IS-SLOVAKKJA		0,37616	2 821 200	0	2 821 200	376 160	3 197 360
IL-FINLANDJA	1,48	1,50909	11 318 175	629 000	10 689 175	1 509 090	12 198 265
L-IŻVEZJA	2,73	2,93911	22 043 325	1 160 250	20 883 075	2 939 110	23 822 185
IR-RENU UNIT	12,69	14,67862	110 089 650	5 393 250	104 696 400	14 678 620	119 375 020
TOTAL UE-27 U RENU UNIT	100,00	100,00	750 000 000	42 500 000	707 500 000	100 000 000	807 500 000